SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

13 ta' Lulju 2017 * [i]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Applikazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali – Ħaddiema migranti – Persuna li teżerċita attività bil-paga u attività bħala persuna li taħdem għal rasha f'żewġ Stati Membri differenti – Determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Artikolu 13(3) – Regolament (KE) Nru 987/2009 – Artikolu 14(5b) – Artikolu 16 – Effetti tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali – Inammissibbiltà"

Fil-Kawża C-89/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa min-Najvyšší súd Slovenskej republiky (qorti suprema tar-Repubblika Slovakka), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Frar 2016, fil-proċedura

Radosław Szoja

vs

Sociálna poisťovňa,

fil-preżenza ta':

WEBUNG s.r.o.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen (Relatur), President tal-Awla, M. Vilaras, J. Malenovský, M. Safjan u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Slovakk, minn B. Ricziová, bħala aġent,

– għall-Gvern Ċek, minn J. Vláčil u M. Smolek, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn C.S. Schillemans, M. Noort u M. Bulterman, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: is-Slovakk.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Martin u A. Tokár, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(3) u tal-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012 (ĠU 2012, L 149, p. 4) (iktar 'il quddiem ir-Regolament bażiku), u tal-Artikoli 14 u 16 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 (ĠU 2009, L 284, p. 1), kif emendat bir-Regolament Nru 465/2012 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implementazzjoni"), kif ukoll tal-Artikolu 34(1) u (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Radosław Szoja, ċittadin Pollakk, li jeżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja u attività bil-paga fit-territorju tar-Repubblika Slovakka, u s-Sociálna poisťovňa (fond ta' assigurazzjoni soċjali, is-Slovakkja, iktar 'il quddiem il-"fond Slovakk ta' assigurazzjoni soċjali"), dwar in-nuqqas tiegħu li jissieħeb mal-iskema ta' assigurazzjonijiet għall-mard, għall-irtirar u għall-qgħad Slovakki.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament bażiku

3 Il-premessi 1, 15, 17 u 45 tar-Regolament bażiku huma redatti kif ġej:

"(1) Ir-regoli għall-kordinazzjoni tas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali jaqgħu taħt il-qafas tal-moviment liberu ta' persuni u għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-livell ta' għajxien tagħhom u tal-kondizzjonijiet ta' l-impjieg.

[…]

(15) Sabiex tkun evitata sitwazzjoni fejn ikun hemm overlapping fid-disposizzjonijiet ta' leġislazzjoni nazzjonali li japplikaw għal sitwazzjoni waħda u sabiex ikunu evitati l-komplikazzjonijiet li jinqalgħu f'sitwazzjoni bħal din, huwa meħtieġ li persuni li jiċċaqalqu ġewwa l-Komunità jkunu suġġetti għal skema ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed biss.

[…]

(17) Bil-għan li jkun garantit li, bl-aktar mod effettiv possibbli, il-persuni kollha impjegati fit-territorju ta' Stat Membru jkunu trattati b'mod ugwali, jkun xieraq li bħala regola ġenerali, il-leġislazzjoni ta' dak l-Istat Membru fejn il-persuna konċernata twettaq l-attività tagħha jew tiegħu bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha tkun determinata bħala l-leġislazzjoni applikabbli.

[…]

(45) Minħabba li l-objettiv ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri l-miżuri ta' kordinazzjoni sabiex jiggarantixxu li d-dritt ta' moviment liberu ta' persuni jkun jista' jiġi eżerċitat b'mod effettiv, ma jistax jintlaħaq kif suppost mill-Istati Membri u jista' għaldaqstant, minħabba l-livell u l-effetti ta' dik l-azzjoni, jintlaħaq aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. […]"

4 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) 'attività bħala persuna impjegata' tfisser kwalunkwe attività jew sitwazzjoni ekwivalenti meqjusa bħala attività għall-għanijiet tal-leġislazzjoni dwar is-sigurtà soċjali ta' l-Istat Membru li fih teżisti din l-attività jew sitwazzjoni ekwivalenti;

(b) 'attività bħala persuna li taħdem għal rasha' tfisser kwalunkwe attività jew sitwazzjoni ekwivalenti meqjusa bħala attività għall-għanijiet tal-leġislazzjoni dwar is-sigurtà soċjali ta' l-Istat Membru li fih teżisti din l-attività jew sitwazzjoni ekwivalenti;

[…]

(l) 'leġislazzjoni' tfisser, fir-rigward ta' kull Stat Membru, liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet statutorji oħra u kull miżuri ta' implimentazzjoni oħra kollha marbutin mal-fergħat tas-sigurtà soċjali koperti mill-Artikolu 3(1);

[…]

(n) 'Kummissjoni Amministrattiva' tfisser il-kummissjoni msemmija fl-Artikolu 71;

[…]"

5 L-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"1. Il-persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom ikunu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss. Din il-leġislazzjoni għandha tkun determinata skond dan it-Titolu."

6 L-Artikolu 13(1) u (3) tar-Regolament bażiku jipprovdi:

"1. Persuna li normalment twettaq attività bħala persuna impjegata f'żewġ Stati Membri jew aktar għandha tkun soġġetta:

[…]

3. Persuna li normalment twettaq attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti għandha tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru fejn hija twettaq attività bħala persuna impjegata jew, jekk twettaq attività bħal din f'żewġ Stati Membri jew aktar, għal-leġislazzjoni determinata skond il-paragrafu 1."

7 Taħt it-titolu "Eċċezzjonijiet għall-Artikoli 11 sa 15", l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti ta' dawn l-Istati Membri jew l-organi indikati minn dawn l-awtoritajiet jistgħu, permezz ta' ftehim komuni, jaħsbu għal eċċezzjonijiet għall-Artikoli 11 sa 15 fl-interess ta' ċerti persuni jew kategoriji ta' persuni.

2. Persuna li tirċievi pensjoni jew pensjonijiet taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membri wieħed jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed u li għandha r-residenza tagħha fi Stat Membru ieħor tista', fuq talba tagħha stess, tkun eżentata mill-applikazzjoni tal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru fejn għandha r-residenza tagħha sakemm mhix suġġetta għal dik il-leġislazzjoni minħabba attività bħala persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha."

8 L-Artikolu 72 ta' dan ir-regolament jipprovdi kif ġej:

"Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha:

(a) titratta l-kwistjonijiet amministrattivi u l-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni kollha li jinħolqu dwar id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, jew dwar kull ftehim konkluż jew arranġament magħmul taħt dawn ir-Regolamenti. Dan mingħajr ħsara għad-dritt ta' l-awtoritajiet, istituzzjonijiet u persuni konċernati li jirrikorru għall-proċeduri u għat-tribunali stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri, f'dan ir-Regolament jew fit-Trattat;

[…]"

Ir-Regolament ta' implementazzjoni

9 L-Artikolu 14(5)(b) tar-Regolament Nru 987/2009, fil-verżjoni inizjali tiegħu, kien jipprovdi:

"Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku persuna li 'normalment twettaq attività bħala persuna impjegata f'żewġ Stati Membri jew aktar' għandha tirriferi, b'mod partikolari, għal persuna li:

(b) twettaq b'mod kontinwu attivitajiet li jalternaw, bl-eċċezzjoni ta' attivitajiet marġinali, f'żewġ Stati Membri jew aktar, irrispettivament mill-frekwenza jew ir-regolarità tal-alternazzjoni."

10 L-Artikolu 14(5), (5b) u (8) tar-Regolament ta' implementazzjoni jipprevedi:

"5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, persuna li 'normalment twettaq attività bħala persuna impjegata f'żewġ Stati Membri jew aktar' għandha tirreferi għal persuna li simultanjament, jew b'alterazzjoni, għall-istess impriża jew persuna li tħaddem jew għal bosta impriżi jew persuni li jħaddmu, teżerċita attività waħda jew aktar separatament f'żewġ Stati Membri jew aktar.

[…]

5b. L-attivitajiet marġinali m'għandhomx jitqiesu għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 16 tar-Regolament ta' implimentazzjoni għandu japplika għall-każijiet kollha taħt dan l-Artikolu.

[…]

(8) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament bażiku, 'parti sostanzjali tal-attività ta' persuna impjegata jew li taħdem għal rasha' imwettqa fi Stat Membru għandha tfisser li parti sostanzjali b'mod kwantitattiv tal-attivitajiet kollha tal- persuna impjegata jew li taħdem għal rasha titwettaq hemmhekk, mingħajr ma din neċessarjament tkun il-parti l-kbira ta' dawn l-attivitajiet.

[…]"

11 L-Artikolu 16 tar-Regolament ta' implementazzjoni jipprovdi:

"(1) Persuna li twettaq attivitajiet f'żewġ Stati Membri jew aktar għandha tinforma b'dan lill-istituzzjoni nominata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn hija tirrisjedi.

(2) L-istituzzjoni nominata tal-post ta' residenza għandha, mingħajr dewmien, tiddetermina l-leġislazzjoni applikabbli għall-persuna kkonċernata, b'kont meħud tal-miżuri tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 14 tar-Regolament implimentattiv. Dik id-determinazzjoni inizjali għandha tkun provviżorja. L-istituzzjoni għandha tinforma lill-istituzzjonijiet nominati ta' kull Stat Membru li fih qed titwettaq attività tad-determinazzjoni provviżorja tagħha.

(3) Id-determinazzjoni provviżorja tal-leġislazzjoni applikabbli, kif previst fil-paragrafu 2, għandha ssir definittiva fi żmien xahrejn minn meta l-istituzzjoni nominata mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati tkun ġiet informata biha, taħt il-paragrafu 2, sakemm il-leġislazzjoni ma tkunx diġà ġiet determinata b'mod definittiv abbażi tal-paragrafu 4, jew tal-anqas waħda mill-istituzzjonijiet konċernati ma tinfurmax lill-istituzzjoni nominata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza sa tmiem dan il-perijodu ta' xahrejn li hi għadha ma tistax taċċetta d-determinazzjoni jew li għandha fehma oħra dwar dan.

(4) Meta xi inċertezza dwar id-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli teħtieġ kuntatti bejn l-istituzzjonijiet jew l-awtoritajiet ta' żewġ Stati Membri jew aktar, għat-talba ta' istituzzjoni jew aktar nominati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jew tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, il-leġislazzjoni applikabbli għall-persuna kkonċernata għandha tiġi determinata minn ftehim komuni, b'kont meħud tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku u d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Artikolu 14 tar-Regolament implimentattiv.

[…]

(5) L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li l-leġislazzjoni tiegħu hija determinat bħala applikabbli jew b'mod provviżorju jew b'mod definittiv għandha tinforma mingħajr dewmien lill-persuna kkonċernata.

(6) Jekk il-persuna kkonċernata tonqos milli tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, dan l-Artikolu għandu jiġi applikat fuq l-inizjattiva tal-istituzzjoni nominata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza malli hija tiġi mgħarrfa bis-sitwazzjoni ta' dik il-persuna, possibbilment permezz ta' istituzzjoni oħra kkonċernata."

Id-dritt Slovakk

12 Skont l-Artikolu 3(1)(a) taż-zákon č. 461/2003 Z. z. o sociálnom poistení (Liġi Nru 461/2003 Ġabra dwar is-sigurtà soċjali), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar is-sigurtà soċjali"):

"Għall-finijiet ta' din il-liġi, sakemm dispożizzjoni partikolari jew trattat internazzjonali li għandu supremazija fuq il-liġijiet tar-Repubblika Slovakka ma jipprovdux mod ieħor, attività bil-paga tfisser attività li tirriżulta minn relazzjoni ġuridika li fuqha huwa bbażat

a) id-dritt għal remunerazzjoni għal attività bil-paga bis-saħħa ta' dispożizzjoni partikolari, ħlief dħul in natura li jirriżulta minn relazzjoni ġuridika preċedenti li fuqha kien ibbażat id-dritt għal remunerazzjoni għal attività bil-paga bis-saħħa ta' dispożizzjoni partikolari, mogħti abbażi tar-riżorsi tal-fond soċjali,

[…]"

13 L-Artikolu 4(1) tal-liġi dwar is-sigurtà soċjali jipprovdi:

"Sakemm din il-liġi ma tipprovdix mod ieħor, għall-finijiet tal-assigurazzjoni għall-mard, tal-assigurazzjoni għall-irtirar u tal-assigurazzjoni għall-qgħad, ħaddiem impjegat tfisser il-persuna fiżika li tkun tinsab f'relazzjoni ġuridika li fuqha huwa bbażat id-dritt tagħha għal remunerazzjoni regolari fix-xahar fis-sens tal-Artikolu 3(1) (a) u (2) u (3) […]"

14 L-Artikolu 7(1)(c) tal-liġi dwar is-sigurtà soċjali jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din il-liġi, persuna li timpjega tfisser:

[…]

c) għall-persuna fiżika li teżerċita attività bil-paga fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) u (2) u (3)

1. Il-persuna fiżika li għandha l-obbligu tagħti lill-persuna impjegata r-remunerazzjoni msemmija fil-Artikolu 3(1)(a) u (2) u (3), u li għandha residenza fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat li huwa parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minbarra r-Repubblika Slovakka, jew fit-territorju tal-Konfederazzjoni Svizzera, jew fi Stat li miegħu r-Repubblika Slovakka kkonkludiet trattat internazzjonali li għandu supremazija fuq il-liġijiet tar-Repubblika Slovakka, jew

2. Persuna ġuridika li għandha l-obbligu tagħti lill-persuna impjegata r-remunerazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) u (2) u (3), u li għandha s-sede tagħha jew is-sede ta' fergħa tagħha fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat li huwa parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jew fit-territorju tal-Konfederazzjoni Svizzera, jew fi Stat li miegħu r-Repubblika Slovakka kkonkludiet trattat internazzjonali li għandu supremazija fuq il-liġijiet tar-Repubblika Slovakka."

15 Skont l-Artikolu 14(1)(a) tal-liġi dwar is-sigurtà soċjali:

"Huma suġġetti għall-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja:

a) il-ħaddiem impjegat imsemmi fl-Artikolu 4(1) […]"

16 L-Artikolu 15(1)(a) tal-liġi dwar is-sigurtà soċjali jipprovdi:

"Huma suġġetti għall-assigurazzjoni għall-pensjoni obbligatorja:

a) il-ħaddiem impjegat imsemmi fl-Artikolu 4(1) u (2) […]"

17 Skont l-Artikolu 19(1) tal-liġi dwar is-sigurtà soċjali:

"Huwa suġġett għall-assigurazzjoni għall-qgħad obbligatorja l-ħaddiem impjegat suġġett għall-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja, bla ħsara għal dispożizzjoni kuntrarja ta' din il-liġi."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 R. Szoja huwa ċittadin Pollakk li, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, jeżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha fil-Polonja u attività bil-paga fl-Islovakkja fejn, sa mill-1 ta' Frar 2013, huwa inkluż fir-reġistru nazzjonali tal-persuni assigurati.

19 Il-qorti tar-rinviju tindika li minn korrispondenza bejn iż-Zakład Ubezpieczeń Społecznych (korp ta' assigurazzjoni soċjali, il-Polonja, iktar 'il quddiem il-"korp Pollakk ta' assigurazzjoni soċjali") u l-fond Slovakk ta' assigurazzjoni soċjali jirriżulta li, sa fejn ir-rikorrent fil-kawża prinċipali għandu residenza fil-Polonja, fejn huwa jeżerċita wkoll attività, dan il-korp ta' assigurazzjoni soċjali ddeċieda li, mill-1 ta' Lulju 2012, huwa kien jaqa' taħt il-leġiżlazzjoni Pollakka dwar l-assigurazzjoni soċjali, u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 14(5)(b) tar-Regolament ta' implementazzjoni moqrija flimkien.

20 Din id-deċiżjoni tal-korp Pollakk ta' assigurazzjoni soċjali kienet motivata min-natura marġinali tal-attività li R. Szoja jeżerċita fit-territorju Slovakk.

21 Għaldaqstant, fit-22 ta' April 2013, dan il-korp informa lill-fond Slovakk ta' assigurazzjoni soċjali, skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni, li, sa mill-1 ta' Frar 2013, R. Szoja kien jaqa' taħt il-leġiżlazzjoni Pollakka.

22 Il-fond Slovakk ta' assigurazzjoni soċjali ma kkontestax din id-determinazzjoni provviżorja tal-leġiżlazzjoni applikabbli, b'mod li din id-determinazzjoni saret definittiva fir-rigward tal-Artikolu 16(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

23 Konsegwentement dan il-fond iddeċieda li, sa mill-1 ta' Frar 2013, R. Szoja ma kienx jibbenefika mill-assigurazzjonijiet għall-mard, għall-irtirar u għall-qgħad obbligatorji mal-persuna Slovakka li timpjegah.

24 Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-korp tal-appell tal-fond Slovakk ta' assigurazzjoni soċjali.

25 F'data mhux speċifika, R. Szoja appella minn sentenza tat-3 ta' Diċembru 2014 tal-Krajský súd v Žiline (qorti reġjonali ta' Žilina, l-Islovakkja) quddiem il-qorti tar-rinviju

26 Skont il-qorti tar-rinviju, il-korp Pollakk ta' assigurazzjoni soċjali eżamina s-sitwazzjoni ta' R. Szoja abbażi tal-Artikolu 14(5)(b) tar-Regolament ta' implementazzjoni, b'mod li dan il-korp applika, għall-finijiet tad-deċiżjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' R. Szoja, l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

27 Issa, din il-qorti tqis li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jirrigwarda biss l-attivitajiet bil-paga, filwaqt li dan il-każ jikkonċerna ċittadin li jeżerċita attività bil-paga u attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti, b'mod li l-kriterju ta' konnessjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dritt applikabbli huwa l-post fejn il-persuna kkonċernata teżerċita parti sostanzjali tal-attività tagħha, skont l-Artikolu 14(8) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

28 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-fond Slovakk ta' assigurazzjoni soċjali ma invokax ftehim partikolari li jidderoga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku li huwa bbażat fuq l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-Najvyšší súd Slovenskej republiky (qorti suprema tar-Repubblika Slovakka) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 13(3) tar-[Regolament bażiku], moqri flimkien mad-dritt għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali u għal vantaġġi soċjali stabbilit fl-Artikolu 34(1) u (2) tal-[Karta], jista' jiġi interpretat, fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-preċiżazzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 14 tar-[Regolament ta' implementazzjoni], mingħajr il-possibbiltà li konsegwentement tiġi applikata l-proċedura prevista fl-Artikolu 16 tal-imsemmi regolament [ta' implementazzjoni] b'mod li l-ħin tax-xogħol qasir u l-livell baxx ta' remunerazzjoni tal-impjegat ma jkollhomx effett fuq l-għażla tad-dritt nazzjonali applikabbli fil-każ ta' kumulu ta' attività mħallsa ma' attività mhux imħallsa, jiġifieri li l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' [i]mplementazzjoni ma japplikax għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament [b]ażiku?

2) Jekk tingħata risposta fin-negattiv għad-domanda 1, fil-każ ta' kunflitt ta' applikazzjoni bejn żewġ regolamenti, regolament bażiku u regolament ta' implementazzjoni, jiġifieri r-Regolament [bażiku] u r-Regolament [ta' implementazzjoni], il-qorti nazzjonali tista' tevalwa d-dispożizzjonijiet tagħhom skont is-saħħa leġiżlattiva tagħhom, jiġifieri skont il-pożizzjoni tagħhom fil-ġerarkija tad-dritt tal-Unjoni?

3) Jista' jiġi kkunsidrat li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament [b]ażiku mwettqa mill-kummissjoni amministrattiva fis-sens tal-Artikolu 72 tar-Regolament [b]ażiku hija interpretazzjoni vinkolanti ta' istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea li minnha l-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali ma tistax tiddevja, li fl-istess ħin tipprekludi li titressaq talba għal deċiżjoni preliminari, jew din l-interpretazzjoni hija sempliċement waħda mill-interpretazzjonijiet ammissibbli tad-dritt tal-Unjoni, li l-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni bħala wieħed mill-elementi tad-deċiżjoni tagħha?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

30 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, moqri fid-dawl tal-Artikolu 34(1) u (2) tal-Karta, jistax jiġi interpretat mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-Artikoli 14 u 16 tar-Regolament ta' implementazzjoni.

31 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, din tal-aħħar għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' l-kawża li jkollha quddiemha u, f'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, jekk ikun il-każ, tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu ġew ippreżentati lilha (sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Lahorgue, C-99/16, EU:C:2017:391, punt 21).

32 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi rrilevat li, fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali, hekk kif jirriżultaw mid-deċiżjoni tar-rinviju, ma għandux isir riferiment għall-Artikolu 14(5)(b) tar-Regolament ta' implementazzjoni, fil-verżjoni inizjali tiegħu, iżda għall-Artikolu 14(5b) ta' dan ir-regolament.

33 Għaldaqstant l-ewwel domanda għandha tiġi mifhuma bħala intiża li jiġi magħruf jekk l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku għandux jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fis-sens ta' din id-dispożizzjoni fir-rigward ta' persuna, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, li teżerċita normalment attività bil-paga u attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(5b) u fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' implementazzjoni.

34 Hekk kif jirriżulta mill-premessi 1 u 45 tar-Regolament bażiku, dan huwa intiż li jiżgura koordinazzjoni bejn is-sistemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju effettiv tal-moviment liberu tal-persuni u, għaldaqstant, li jikkontribwixxi għat-titjib tal-livell ta' għajxien u tal-kondizzjonijiet tal-impjieg tal-persuni li jiċċaqalqu fi ħdan l-Unjoni.

35 L-Artikolu 11(1) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi l-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli, li abbażi tiegħu l-persuni li fir-rigward tagħhom japplika dan ir-regolament għandhom ikunu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss. Għaldaqstant, dan il-prinċipju huwa intiż li jevita l-komplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni simultanja ta' diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali u li jneħħi l-inugwaljanzi fit-trattament li, għall-persuni li jiċċaqalqu fi ħdan l-Unjoni, huma l-konsegwenza ta' kumulu parzjali jew totali tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2006, C-493/04, EU:C:2006:167, punt 21).

36 Skont l-ewwel ipoteżi invokata fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, intiża sabiex tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fir-rigward ta' persuna li normalment teżerċita attività bil-paga fi Stat Membru u attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stat Memrbu ieħor, din il-persuna hija suġġetta għal-leġżilazzjoni tal-Istat Mebru li fih hija teżerċita attività bil-paga.

37 Għaldaqstant, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn huwa paċifiku li R. Szoja jeżerċita kemm attività bil-paga fl-Islovakkja kif ukoll attività bħala persuna li taħdem għal rasha fil-Polonja, dan għandu jitqies bħala li jaqa' taħt din l-ewwel ipoteżi imsemmija fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku.

38 Madankollu, ir-Regolament ta' implementazzjoni, li l-għan tiegħu huwa li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament bażiku, jipprevedi, fl-Artikolu 14(5b) tiegħu, li l-attivitajiet marġinali ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku.

39 F'dan ir-rigward, hekk kif ġie indikat fil-punti 20 u 22 ta' din is-sentenza, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont id-deċiżjoni tal-korp Pollakk ta' assigurazzjoni soċjali, l-attività li R. Szoja jeżerċita fit-territorju Slovakk hija ta' natura marġinali u li d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli saret definittiva fir-rigward tal-Artikolu 16(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

40 Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni applikabbli li għaliha hija suġġetta persuna, bħal R. Szoja, li normalment teżerċita attività bil-paga u attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti, għandha tiġi ddeterminata skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-Artikolu 14(5b) tar-Regolament ta' implementazzjoni, li jeskludi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-attivitajiet marġinali.

41 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 14(5b) tar-Regolament ta' implementazzjoni jirriżulta li l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament japplika għall-każijiet kollha previsti f'dan l-Artikolu 14. Għaldaqstant, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni l-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament, li jindika l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex tiġi ddeterminata, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, il-leġiżlazzjoni applikabbli.

42 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li r-regoli ta' kunflitt previsti mir-Regolament bażiku huma imposti b'mod imperattiv fuq l-Istati Membri u ma jistax jiġi aċċettat li l-persuni assigurati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regoli jistgħu jopponu l-effetti tagħhom billi jkollhom l-għażla li ma jaqgħux taħthom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, van Delft et, C-345/09, EU:C:2010:610, punt 52).

43 Fir-rigward tad-dubji tal-qorti tar-rinviju dwar l-Artikolu 34 tal-Karta, għandu jiġi rrilevat li dan l-artikolu ma għandux effett fuq il-kunsiderazzjonijiet preċedenti, peress li ebda dispożizzjoni ta' dan l-artikolu ma twassal sabiex tiġi eskluża r-rilevanza tal-applikazzjoni tal-Artikoli 14 u 16 tar-Regolament ta' implementazzjoni fil-kawża prinċipali.

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fis-sens ta' din id-dispożizzjoni fir-rigward ta' persuna, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, li teżerċita normalment attività bil-paga u attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(5b) u fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' implementazzjoni.

Fuq it-tieni domanda

45 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq it-tielet domanda

46 Permezz tat-tielet domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 72 tar-Regolament bażiku għandux jiġi interpretat fis-sens li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva huma vinkolanti.

47 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom sabiex jagħtu deċiżjoni fil-kawżi li jkunu tressqu quddiemhom (digriet tal-20 ta' Lulju 2016, Stanleybet Malta u Stoppani, C-141/16, mhux ippubblikat, EU:C:2016:596, punt 6 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li dik il-qorti tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula minnha jew li, minn tal-inqas, tispjega s-sitwazzjonijiet fattwali li fuqhom ikunu bbażati dawn id-domandi. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tar-rinviju għandha tindika r-raġunijiet preċiżi li wasslu lill-qorti nazzjonali sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u sabiex tqis neċessarju li tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (digriet tal-20 ta' Lulju 2016, Stanleybet Malta u Stoppani, C-141/16, mhux ippubblikat, EU:C:2016:596, punt 7 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 Għandu jiġi enfasizzat f'dan ir-rigward li l-informazzjoni pprovduta fid-deċiżjonijiet tar-rinviju sservi mhux biss sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utli, iżda wkoll sabiex tippermetti lill-gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet interessati l-oħra jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Hija r-responsabbiltà tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiżgura li din il-possibbiltà tkun ssalvagwardjata, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li, skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjonijiet tar-rinviju biss huma nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati (digriet tal-20 ta' Lulju 2016, Stanleybet Malta u Stoppani, C-141/16, mhux ippubblikat, EU:C:2016:596, punt 10 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata

50 F'dan il-każ għandu jiġi kkonstatat li t-tielet domanda ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti, inkwantu d-deċiżjoni tar-rinviju ma fihiex elementi fattwali biżżejjed dwar l-eżistenza ta' deċiżjoni preċiża tal-Kummissjoni Amministrattiva u dwar l-eventwali effett ta' din id-deċiżjoni fuq il-każ inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex elementi dwar ir-raġunijiet li għalihom l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba hija neċessarja għall-finijeit tar-risposta għal

din id-domanda. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Istati Membri u l-persuni l-oħra kkonċernati fis-sens tal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ma setgħux, jew inkella setgħu biss b'mod sommarju ħafna, jippreżentaw b'mod utli l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din id-domanda.

51 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tielet domanda għandha titqies bħala inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fis-sens ta' din id-dispożizzjoni fir-rigward ta' persuna, bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali, li teżerċita normalment attività bil-paga u attività bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stati Membri differenti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(5b) u fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004, kif emendat bir-Regolament Nru 465/2012.

Firem

i — Fl-enumerazzjoni ta' dan it-test u f'punt 28 saret modifika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.